# LEJLIET IT-TIEG

Fl-artijiet tax-Xerq, jagħmlu għors kbîr lejliet it-tieġ. Għadni niftakar il-għors li sâr fid-dâr tagħna meta żżewġet waħda minn qrabâtna. Kont għâdni żgħir, u bdejt indûr kull imkien, biex nara x'kienu jagħmlu tajjeb dawk in-nisa għaqlîn, fil-mitbaħ u fil-kamra tal-ikel.

Għal għâxa ta' nhar it-tieġ, kienu ndebħu tliett iħrief. Qfief ta' tadâm, qara' bâgħli, ħjâr u brunġiel, kienu jgħûmu fl-ilma, jistennew li jkunu moħxija — flimkien mal-ħrief — bil-laħam imqatta rqiq, ross imgħolli, imħawwar b'ħafna bżâr. Kien hemm xi għoxrin xorta ta' *antipasti* bil-bajd mgħolli iebes, u mqatta' rqiq, u mħawwar b'tursin, nagħniegħ, merdqux u ma nafx kemm il-taħlita, imqegħdin fuq l-imwejjed, fl-art u fuq l-armarji. Għax-xorb kien hemm tliet landi mimlijin bil-għaraq, jew *acqua vite*, jesgħu għoxrin litru l-waħda; xi għoxrin flixkun imbit u xi żewġ flixken xorb irqîq. Ma nsemmux il-ħelu ta' kemm il-xorta, li x-Xerqijin jagħmlu wisq għalih.

Għal ħabta ta' xi s-sitta ta' fil-għaxija, ntbaħt li l-għâxa ma kienx sa jsîr fid-dâr tagħna, anqas fid-dâr tal-għarûs, imma fid-dâr ta' wieħed qarib, li kellu sala kbira dik in-naħa li kien fiha bieb wieħed biex tidħol fiha. Kien hemm il-ħaddiema hemm-hekk, iwaħħlu msiemer kbar fis-saqaf, biex idendlu magħhom lampi tal-pitrolju, bil-*mantle*, biex tid-dawwal sewwa s-sâla.

Għal ħabta tat-tmienja bdew ġejjin l-ewwel mistednin. Dawn kienu l-aktar fosthom qraba, li kellhom id-dmir li jaħdru, jagħtu l-għotjiet tal-ġież, jitgħaxxew bil-għaġla u jitilqu, biex jagħtu l-wisa' lil qraba aktar żgħażagħ u ħbieb, tal-għomor tal-għarajjes. Għal xi l-għaxra beda ż-żfin il-kbir, meta l-għarus, imsieħeb minn missieru u ommu, minn xi qraba u ħbieb, minn erba' daqqâqa u wieħed għannej tar-Radju ta' Ramalla, deher dieħel hemm ġewwa. Omm il-għarûs, dak il-ħin, għanniet xi żewġ taqbiliet ta' xewqat tajba lil binha, li fihom semmietu bħala "sabiħ daqs il-qamar jiddi aktar mir-raġġi tax-xemx, ta' min iħobbu aktar miż-żgħażagħ kollha tar-raħal". Għal dal-kliem wieġbet mara oħra mdaħħla fiż-żmien, fejn għanniet taqbila b'tifħira lil-għarusa, li "għandha għajnejha sbieħ daqs ta' għażżiela, xagħrha iswed u mġiegħed donnu l-mewġ tal-baħar, tfuh bil-fwieħa tal-ward u tal-ġisimin". Kull taqbila kienet tintemm biż-*żagħarit*, li huwa għajta rqiqa msieħba b'taħrik bil-għaġla tal-lsien bejn ix-xuftejn, magħmula miż-żewġ nisa.

Imbagħad beda l-għâxa l-kbîr, imsieħeb mid-daqq u l-għana. Il-għannej tar-Radju, li kellu leħnu donnu ta' mara, meta deherlu libes ta' xebba, u msieħeb mid-daqqâqa, beda jiżfen waħdu u drabi jieqaf miż-żfin u jgħanni għanja ta' mħabba, li għaliha kienu jwieġbu l-ħadrîn kollha, iħabbtu idejhom u jirtaktu, u jmilu 'l hawn u 'l hemm; lura u 'l quddiem, lejn il-lemin u lejn x-xellug.

Għal xi s-sagħtejn ta' bil-lejl inġabru t-tfal kollha, subien u bniet, fid-dâr tal-għarus, u mort jien ukoll magħhom, nofsi rieqed. Imseħbin minn xi żgħażagħ, li kienu jżommu mdendlin f'idejhom fanali żgħar,

morna fid-dar tal-għarûsa — li s'issa ma kinitx għadha dehret — biex ingorru sehem mill-ġież tagħha lejn id-dar fejn kellha tmur toqgħod. Niftakar li għabbewli fuq rasi mħadda kbira mimlija bir-rix u miksija bil-ħarir. Nimxu wara xulxin, sarbût, għaddejna min-nofs it-toroq tar-raħal, sa ma wasalna d-dâr tal-għarûs. Hemm ħattejna t-tagħbija tagħna, u jien ukoll ħattejt tiegħi, u stordut u għajjien, ħrabt lejn id-dar biex norqod, u ħallejt lill-oħrajn jieklu u jixorbu u jixxalaw sal-ħamsa ta' fil-għodu.

Il-għada fil-għôdu, għal ħabta ta' xi l-ħdax, irġajna ħriġna f'sarbût twil wara xulxin, biex insieħbu lil-għarûs, mid-dâr għal knisja. Xi għoxrin pass quddiemna kien hemm is-sarbût tal-għarûsa, mexjin, bħalna, wara xulxin. Hi kienet liebsa kollox l-abjad, b'wiċċha mgħotti. M'hux qabel daħlet il-knisja, fl-aħħar, wieħed sata jaralha wiċċha! Dehret donnha trid tibki, u għajjiena, għax fid-dâr tagħha wkoll kien hemm ix-xalar u ż-żfin, ma' tul il-lejl kollu, sa fil-għodu.

Wara t-tieġ, kien hemm laqgħa żgħira b'xi ħaġa tal-ikel u x-xorb ħafifa u bħal ma dari, it-taqsim tal-ħelu. Imbagħad in-nies, ġemgħa ġemgħa, xterdu, imma ma baqgħux lura li ma jifirħux, bi kliem magħżul u sabiħ, liż-żewġ għarajjes. Il-għarajjes imbagħad biddlu l-ħwejjeġ ta' malajr u telqu bil-karozza, għal dak li jgħidulu: Qamar il-Għasel".

P. SALIM HABIB, O.F.M.

# MAWRA SA BETLEHEM

Bħal daż-żmien, żmien il-Milied, qalb kull ħadd tinġibed lejn naħa waħda; ħsieb kull ħadd jittajjar lejn belt waħda; u għajnejn kull ħadd jixtiequ jaraw ħaġa waħda: dik il-Grotta mbierka, qrib Betlehem, li ġewwa fiha twieled Ġesù, li hu waħdu, fid-dinja, kellu jġib is-Sliema.

Ftit hawn nies, hawn Malta, li jafu kif inhu Betlehem, għax minn Malta għal Palestina, ftit imorru nies. Jien, ngħid għalija, lil Betlehem nafu sewwa, daqs kieku kien raħal ta' Malta jew xi ħaġa aktar. Għax jien domt il-Palestina ħafna snin; u Betlehem kont ġej u sejjer, l-aktar għal ħabta tal-Milied. Minn Ġerusalem sa Betlehem, ma hemmx bgħid wisq; hemm qisu ħames mili. Jekk tmur fil-għodu aktar jaqbel tmur bil-mixi, għax fit-triq hemm ħafna x'tara; u jekk tmur bil-karozza, li tasal f'għaxar minuti, ma tilħaq tara xejn.

Hawn, mela, sa nistħajluna li mmorru mawra sa Betlehem, bil-mixi; u meta naslu, ngħaddu min-nofs il-belt. Imbagħad, imorru nżuru l-knisja u l-Grotta ta' taħtha, li ġewwa fiha twieled il-Bambin.

Ġerusalem, bħall-Imdina ta' Malta, hi mdawwra bis-swar; biex tidħol fiha jew toħroġ minnha, fiha l-bibien. Biex immorru Betlehem, minn Ġerusalem, jaqbel li noħorġu minn bieb li bil-Għarbi jgħidulu Bab il-Ħalil, u bl-Ingliż jgħidulu Jaffa Gate. Minn hemm, nilwu lejn ix-xellug, għanniżla,u naslu fuq wied, magħluq b'ħajt għoli u wiesa', li ngħaddu minn fuqu qisu kien pont. Fil-lemin ta' dal-ħajt, naraw għadira kbira mimlija bl-ilma, li jgħidulha Birket